26 ta' Frar, 1945.

Imħallef :

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

**Roger Satariano** *versus* **Luigi Galea (*)**

**Appell — Kontumaċja — Att Ġudizzjarju — Notifika — Nullità.**

*In-notifika ta' l-atti ġudizzjarji tista' ssir f'idejn l-impjegat tal-persuna li għandha tiġi notifikata, imma fid-dar ta' dik il-persuna; jekk dik in-notifika f'idejn l-impjegat issir f'post fejn il-per*

*suna li għandha tkun notifikata ma għandhiex x'taqsam, in-notifika hija nulla.*

*L-appellant li baqa' kontumaċi quddiem l-Ewwel Qorti għax ma kienx jaf bin-notifika ta' l-avviż u din kienet saret nullament, għandu għalhekk kawża ġusta li tiġġustifika l-kontumaċja tiegħu.*

---

(*) Deċiża fil-meritu fil-5 ta' Marzu 1945.

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £1. 10. 0, rata li huwa kellu jħallas fil-25 ta' Novembru u li tiskadi fil-25 ta' Diċembru 1944, talli huwa kera pjanu minn għand l-attur, u li wara li jħallas dik ir-rata jagħti lura l-pjanu fi stat tajjeb għas-spejjeż tiegħu skond il-ftehim tal-partijiet; bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fis-16 ta' Marzu 1944, fejn laqgħet it-talba ta' l-attur bl-ispejjeż, u tagħtu ħmistax-il ġurnata żmien biex jagħti lura l-pjanu; wara li kkunsidrat;

Illi l-konvenut naqas u ma deherx biex jirrispondi għall-kapituli mogħtija lilu mill-attur, u għalhekk l-istess kapituli għandhom ikunu kunsidrati bħala ammessi;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u ċ-ċitazzjoni tiegħu fejn talab ir-revoka ta' dik is-sentenza bl-ispejjeż;

*Omissis;*

*Tikkunsidra;*

Illi għalkemm ir-riferta ta' l-avviż quddiem l-Ewwel Qorti tgħid illi l-kopja ta' dak l-avviż ġiet mill-agent uxxier Carmelo Laferla mogħtija f'idejn Dolor Sammut il-Gżira, "Greyhound Bar", Misida Road, iżda rriżulta mill-provi illi effettivament dak l-uffiċjal ġudizzjarju ħalla l-kopja ta' dak l-att għand l-imsemmija Dolores Sammut, imma mhux fil-"Greyhound Bar", li huwa ta' l-appellant, iżda fid-dar ta' l-istess Dolores Sammut, li hija impjegata ta' l-appellant; f'liema dar, li qiegħda Misida Road, Garden Street, nru. 1, l-appellant ma għandux x'jaqsam xejn; u għalhekk dik in-notifika saret ħażin;

Tikkunsidra;

Illi rriżulta li l-istess Dolores Sammut insiet tagħti dik il-kopja lill-appellant, u tatħielu wara li staqsiha huwa meta rċieva ittra li l-kawża kienet ilha deċiża jumejn;

Illi għalhekk l-appellant ma għandu ebda ħtija talli ma deherx, u l-kontumaċja tiegħu hija għalhekk ġustifikata;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddikjara illi l-appellant Luigi Galea ġġustifika l-kontumaċja tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, u għalhekk is-subizzjoni mogħtija lilu quddiem l-Ewwel Qorti ma hix ta' ostakolu għalih u għad-difiża tiegħu, u tammettieh jagħmel il-provi skond il-liġi; l-ispejjeż ta' dan l-inċident ikunu riżervati għad-deċiżjoni finali; u tordna illi kopja ta' din id-deċiżjoni tiġi mibgħuta lir-Reġistratur tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, għal kwalunkwe pass li jidhirlu għandu jieħu biex dawn l-inkonvenjenti ma jirripetux ruħhom.